MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 320/2010

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw**
**lill-assenti C D A E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-23 ta’ Novembru tas-sena 2007, fir-Registru taz-Zwieg, Malta, u dan iz-zwieg gie registrat skond kif jidher mic-certifikat taz-zwieg taghhom, illi kopja tieghu qed tigi annessa ma’ dan ir-rikors u esebita u mmarkata bhala Dokument A.

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

3. Illi z-zwieg tal-kontendenti ccelebrat bejn il-kontendenti fit-23 ta’ Novembru 2007, huwa null u bla effett fil-Ligi, u dana stante illi l-kunsens tal-esponenti u tal-intimat jew min minnhom, kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1)(d) ta’ l-Att taz-Zwieg ta ‘ l-1975.

4. Illi ulterjorment, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, iz-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi, ghall-fini ta’ l-Artikolu 19 (1)(f) stante li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti, in vista ta’ dan kollu fuq premess, titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ccelebrat bejn il-kontendenti nhar it-23 ta’ Novembru tas-sena 2007, huwa null u bla effett ghal kull fini u effett tal-Ligi.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jannota tali nullita’ ta’ l-Att taz-Zwieg numru 2270 tas-sena 2007.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, baqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut kuntrattat fit-23 ta’ Novembru 2007 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewgu civilment fit-23 ta’ Novembru 2007, meta allura l-attrici, cittadina Maltija kellha 41 sena, u l-konvenut, cittadin Libjan kellu 30 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin ghal xi snin.

Illi peress li l-konvenut jahdem fil-Libja, kemm qabel, kif ukoll wara, iz-zwieg il-partijiet kienu jaghmlu zmien twil mifrudin minn xulxin. L-attrici tghid li *“though we separated de facto after three years of marriage, we did not spend more than an aggregate of eighteen months [living together]”*. Tghid ukoll li *“I was used to living on my own, with my own routine, and found it very difficult to change and carry out my marital duties.”*. Tghid ukoll li zewgha qatt ma stabbilixxa r-residenza tieghu f’ Malta.

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi mill-provi jirrizulta car li z-zewg partijet, ghalkemm kienu ilhom zmien jafu lil xulxin qabel iz-zwieg, kienu nkapaci li jassumu l-obbligi essenzjali ghall-hajja matrimonjali, u senjatament dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied.

Ghalhekk jikkonfigura fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel part ital-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici fit-termini taghhom.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------